**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2/26

23 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fil-5.30 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv
Etienne Scicluna – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**2.26.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

2.26.1.1 Ma kienx hemm.

**2.26.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti</u>**

2.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 1.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

2.26.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 1.26 ġew approvati unanimament.

2.26.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**2.26.3 <u>Analizi tar-Rapporti Finanzjarji tal-Kunsill</u>**

2.26.3.1 Il-Kunsill stieden lis-Sur Manicaro, l-Accountant tal-Kunsill Lokali sabiex jagħti rendikont fid-dettal dwar il-*Financial Statements 2025*, il-*Quarterly Report* minn Settembru sa Diċembru 2025 kif ukoll l-*Annual Budget* għas-sena 2026.

**Unaudited Finanacial Statements 2025**

2.26.3.2 L-accountant provda deskrizzjoni dettaljata dwar l-*Unaudited Financial Statement* għas-sena 2025

2.26.3.3 L-Accountant semma' kull materja minn dan ir-rapport dwar id-dħul u l-ħruġ finanzjarji għas-sena 2025. Is-Sur Manicaro spjega kif il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali issa qeda b'Defiċit ta' €94,479.00. Dan għalhekk ifisser li l-Kunsill Lokali għalaq is-sena 2025 b'FSI ta' 12% fin-negattiv.

2.26.3.4 L-Accountant irrimarka kif l-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern lill-Kunsill Lokali għas-sena 2025 naqset b'€41,984 ikkomparati mas-sena 2024. Dan għaliex mis-sena 2025 l-allokazzjoni li kienet mogħtija għall-iskart qed tmur dirett għand il-Kunsill Reġjonali u l-ispiża tal-ġbir tal-iskart qed titħallas dirett minnhom.

2.26.3.5 Il-Kunsill qed jiġġenera dħul ta' €10,000 fis-sena miż-żona tax-Xewkija, li b'dan qed ikopri l-ispiża ta' manutenzjoni u żamma ta' dik iż-żona kif ukoll manutenzjoni oħra fil-lokal.

2.26.3.6 L-Accountant kompla billi innota kif il-Kunsill Lokali ibbenefika fondi addizzjonali ta' €130,000 permezz ta' applikazzjonijiet għall-skemi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

2.23.3.7 L-Accountant irrimarka wkoll kif kien hemm żieda fl-ispejjeż amministrattivi minħabba żieda fil-*Allowances* tal-Kunsilliera u l-Ftehim Kollettiv tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

2.23.3.8 Is-Sindku rrimarka li filwaqt li l-ispejjeż fis-servizz tal-ġbir tal-iskart goff naqas, l-ispejjeż naqsu wkoll minħabba li kien ħareġ u ġie magħżul *tender* aktar għaqli.

2.26.3.9 Is-Sa. Maria Sultana talbet kjarifika dwar l-ammont fuq il-*Cleaning of Council Premises.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jkun qed jagħti rendikont ta' x'inhuma dawn l-ispejjeż hekk kif ikollu informazzjoni aktar dettaljata mingħand l-Accountant.

**Quarterly Report (Q4) 2025**

2.26.3.10 Matul l-aħħar 3 xhur tas-sena 2025, il-Kunsill għamel *surplus* ta' €1,223. Ġie innotat li kif kien spjegat waqt l-*Unaudited Financial Statement*, id-dejn tal-Kunsill naqas, partikularment *vis-a-vis* il-debituri li kellhom ħlasijiet pendenti fit-tul.

**Annual Budget 2026**

2.26.3.11 Għas-sena 2026, huwa stmat li l-nefqa u d-dħul ta' Kunsill ser ikun simili tas-sena preċedenti. Għaldaqstant huwa stmat li l-Kunsill se jkun qed jonfoq madwar €405,000 matul is-sena 2026. Dan jinkludi deprezzament, pagi, manutenzjoni u żamma ta' postijiet pubbliċi, spejjeż amministrattivi u attivitajiet. Din in-nefqa ma tinkludix spejjez fuq proġetti kapitali.

## 2.26.4 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>

**Attività tal-Milied.**

2.26.4.1 Is-Sindku reġa' fakkar li l-Kunsill ibbenefika minn fondi ta' €15,000 mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali permezz ta' skema ta' finanzjament. Kif ukoll €5,000 mill-Malta Tourisim Authority, b'hekk jammontaw għal-total ta' €20,000. Ġie ppreżentat lill-kunsilliera r-rendikont tal-ispejjeż bl-ammont ta' €21,505.02.

**Trejqet iċ-Ċimiterju**

2.26.4.2 L-aħħar ġimgħa ta' Jannar, is-Sindku, flimkien mal-Perit tal-Kunsill ressqu aġġornament fejn ġie emendat il-livell tat-triq in kwistjoni. It-TORB laqgħa t-talba tal-Kunsill u b'hekk jista' jitkompla l-proċess quddiem il-PA.

2.26.4.3 Fis-6.45pm, Is-Sur Bruno kellu jiġi skużat minħabba li ma bediex iħossu f'saħtu u għaldaqstant ma setax ikompli jipparteċipa fil-laqgħa.

## 2.26.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**Finanzjament tal-Attività tal-Karnival - 'Festa Ħelu'**

2.26.5.1 L-attività Festa Ħelu ser isir fit-12 t'April dan wara li l-attività ta' Festa Ċitru kienet ġiet posposta u b'hekk kellha titmexxa d-data tal-attività ta' Festa Ħelu. Il-Kunsill ġab l-approvazzjoni mid-DLG biex jipposponi d-data tal-attività u din ġiet approvata bid-data l-ġdida. L-attività ta' Festa Ħelu ser issir fi Pjazza Sagra Familja. Is-Sindku fakkar li bħalissa hemm is-sejħa għal dawk li jixtiequ jarmaw stand miftuħa.

**PA/07152/25 – Permess biex jiżdied l-użu ta' stabbiliment għal sala ta' tiġijiet**

2.26.5.2 Il-PA approvat il-permess in kwistjoni nonstante l-Kunsill u xi għaqdiet oħra joġġezzjonaw. Is-Sindku saħaq li l-persuna li għandu mikri l-istabbiliment għandu jonora u jirrispetta l-liġijiet.

2.26.5.3 Wara d-deċiżjoni tal-PA, is-Sindku ltaqa' mal-Perit responsabbli mill-applikazzjoni tal-PA flimkien mal-persuna li ser jagħmel użu mill-istabbiliment u spjega l-isfidi li l-Kunsill f'isem ir-residenti oġġezzjona fuqhom.

2.26.5.4 Is-Sur Bongailas saħaq li jixtieq li jsiru arranġamenti speċjali għall-użu ta' parkeġġ meta jkun hawn tieġ fil-Kalkara, eżempju l-użu tal-grawnd tal-Fortini.

2.26.5.5 Is-Sa Speranza talbet li tixtieq li jsiru l-parkeġġi riservati bil-ħin għar-residenti.

2.26.5.6 Is-Sa Sultana qed titlob li ssir iktar pressjoni mal-awtoritajiet, ħalli tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-PA anke jekk din titlob li ssir protesta. Is-Sa Sultana qablet mas-suġġeriment tas-Sa Chircop rigward il-parkeġġ riservat għar-residenti tul ċertu ħinijiet.

2.26.5.7 Is-Sindku sostna li l-ewwel għandu jkun hemm qbil dwar x'se jkun il-pass li jmiss li jieħu l-Kunsill. Hawn ġie maqbul unanimament li se tintbagħat ittra uffiċjali lill-Ministru tal-artijiet sabiex ikollhom pjanta bil-konfini pubbliċi u jintalab li din l-art li hi pubblika tibqa' aċċessibbli anke meta jkun hemm attivitajiet mill-istabbiliment in kwistjoni.

2.26.5.8 Ġie maqbul ukoll b'mod unanimu li se tintbagħat ittra oħra lil-Ministru ta' Trasport sabiex issir talba għal-parkeġġ għar-residenti bil-ħin f'dawret Fra Giovanni Bighi u Triq Malta Rebbieħa. Dan għal- fatt li din se tkun it-3 sala tat-tiġien ġewwa l-Kalkara u se toħloq problema ta' parkeġġ għar-residenti.

**Kalkara Fun Walk**

2.26.5.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bdew il-preparamenti għal Kalkara Fun Walk, li ser issir fil-15 ta' Marzu wara konsultazzjoni mal-Gwardjan tal-Knisja tal-Kapuċċini. F'każ li ma ssirx minħabba l-maltemp, din se tiġi posposta għall-ġimgħa ta' wara.

2.26.5.10 Ġew ordnati l-flokkijiet għal din l-attività u l-ispejjeż ser jiġu mħallsa mill-kontribuzzjoni li offrew ċertu kumpaniji u d-dħul mill-parteċipazzjoni. Dan kollu ser imur għall-familji fil-bżonn li jgħinu l-Patrijiet tal-Kapuċċini.

**Installazzjoni ta' Poġġaman (*Handrailng*)**

2.26.5.11 Is-Sindku qal kif fil-laqgħa preċedenti, is-Sa Chircop resqet talba għall-installazzjoni ta' poġġaman fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Misraħ Arċisqof Gonzi. Il-Kunsill ġab l-approvazzjoni ta' sid il-post fejn ser jitwaħħal il-poġġaman.

2.26.5.12 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ġabret stimi għal dan il-poġġaman iggalvanizzat b'żewġ tulijiet differenti, wieħed 4.6m €860 (eskluża l-VAT) jew 3.6m €680 (eskluża l-VAT).Il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħal dak b'tul t'3.6m

**Pożizzjoni Ġdida ta' Segretarju Eżekuttiv**

2.26.5.13 Wara li l-board tal-għażla f'ħdan il-Kunsill Lokali tal-Kalkara rrakomanda lis-Sa Karen Scicluna bħala Segretarju Eżekuttiv il-ġdid lid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali, id-Diviżjoni bagħtet il-kuntratt tax-xogħol tas-Sa Scicluna sabiex jiġi iffirmat u jintbagħat lura lid-Diviżjoni. Il-Kunsill Lokali approva li Sa. Scicluna tkun firmatarja għan-nom tal-Kunsill Lokali u jkollha aċċess għal kontijiet bankarji kollha.

2.26.5.14 Il-Kunsill awgura lis-Sa Scicluna għall-pożizzjoni ġdida tagħha.

**Riżenja tal-*Contracts Manager* tal-Kunsill Lokali**

2.26.5.15 Il-Kunsill irċieva r-riżenja tal-*Contracts Manager* fejn spejga li minħabba impenji tax-xogħol full-time tiegħu ma jistax ikompli bħala *Contracts Manager*. Il-Kunsill laqa' r-riżenja tal-*Contracts Manager* u rringrazzjah tas-servizz tiegħu.

**Inizjattiva minn Pjazza għal Pjazza**

2.26.5.16 Il-Ġimgħa li għaddiet kien hemm sezzjoni ta' nformazzjoni dwar l-inizjattiva li bdiet is-sena l-oħra u ser terġa' tinħareġ din is-sena. Ser jiġu preferiti dawk li ma ħadux sehem u ser ikun hemm l-opportunita` li japplikaw ukoll dawk li ħadu sehem diġa`.

**Ħsarat bil-Maltempata *Harry***

2.26.5.17 Il-Bajja ta' Rnella u dawret l-istess bajja ġarbu ħsarat konsiderevoli. Is-Sindku flimkien mal-Perit ta' Infrastructure Malta talbu biex jitneħħa l-periklu u temporanjament ingħalqet kompletament (Dawret il-Bajja) u sar it-tindif.

2.26.5.18 Wara l-maltempata, IM għamlu l-assessjar fl'aktar partijiet milqutgħa fosthom il-pari tal-Polverista u ħdejn it-taraġ. Fl-aħħar jiem, is-Sindku f'isem il-Kunsill kellu laqgħat ma' IM u ressaq il-proposti.

2.26.5.19 Is-Sindku semma' li hemm żewġ għażliet dik li jsiru tiswijiet estetiċi biss jew isir proġett sostenibbli li jinkludi: bini ta' turġien ġodda, ilqugħ ġdid għall-maltemp, kif ukoll passaġġ/rampa wiesa' li jagħti aċċess aħjar għar-ramla. Titwessa l-bankija eżistenti u dawret il-bajja ssir one-way direzzjoni lejn il-Married Quarters.

2.26.5.20 Is-Sa Sultana wriet it-tħassib tagħha li r-rampa tispiċċa tintuża bħala slipway.

2.26.5.21 Il-Kunsill unanimament qabel li jmur għat-tieni għażla iġifieri l-proġett ħolistiku li jkun aktar sostenibbli

**Attendenza u Tindif tal-Latrini f'Misraħ Arċisqof Gonzi**

2.26.5.22 Il-persuna li bħalissa kienet qed tieħu ħsieb l-attendenza u t-tindif tal-latrina ser joħroġ bl-irtirar. Is-Sindku sab persuna oħra li huwa mpjegat mall-Community Workers Scheme u li hu diġà assenjat lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara li ser tagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

## 2.26.6 Korrispondenza

2.26.6.1 Ma kienx hemm.

## 2.26.7 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

Is-Sa Speranza Chircop

2.26.7.1 Is-Sa Chircop infurmat lill-Kunsill li ser torganizza ħarġa għall-anzjani f'Marzu sabiex imorru jaraw esebizzjoni tal-arti.

2.26.7.2 Is-Sa Chircop ipprovdiet rendikont tal-attività li għamlet fil-15 ta' Diċembru 2025 fejn ġabret l-ammont ta' €1,886.88 u li l-ispejjeż għal din l-attivita` ammontaw għall €1,878.34.

2.26.7.7 Is-Sa Chircop ser torganizza ħarġa kulturali f'Marzu.

2.26.7.8 Is-Sa Chircop infurmat li għada, it-Tlieta 24 ta' Frar ser jerġa' jibda l-kors tal-FITA u ser ikompli jibqa' jsir kull ġimgħa.

2.26.7.9 Is-Sa Chircop infurmat li kull ħmistax ser ikun hemm il-*line dancing* ġewwa s-sala tal-Kapuċċini. Fl-aħħar attività s-Sa Chircop ippreżentat €50 lill-Patrijiet tal-Kapuċċini mill-ġbir ta' flus li kien fadal.

Is-Sa Maria Sultana

2.26.7.10 Is-Sa Maria Sultana nfurmat li saret il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal. Issuġġeriet li jkun hemm aktar promozzjoni biex tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal. Is-Sindku issuġġerixxa li t-tfal ikunu nfurmati fl-iskola sabiex jħeġġuhom jattendu. Is-Sa Sultana issuġġeriet li tmur l-iskola flimkien ma Brother Miguel fejn jinfurmawhom fuq il-Kunsill ta' tfal.

2.26.7.11 Is-Sindku b'żieda ma' dan ser jagħmel promozzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal matul il-Kalkara Fun Walk li ser ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

2.26.7.12 Is-Sa Sultana nfurmat li s-*Celebration Day* ser issir fil-25 ta' Marzu fejn is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana ser jippreżentaw ktieb lill-istudent/a li l-aktar marret tajjeb mill-aspett akkademiku.

**2.27.8 Punti Ġenerali**

2.26.8.1 Is-Chircop talbet li jiżdied id-dawl fi Triq is-Sienja, il-parti li tagħti għal-Triq id-Dejqa.

**2.26.9 Mistoqsijiet lis-Sindku**

2.26.9.1 Is-Sa Sultana fakkret sabiex il-Kunsill jagħmel l-Annual Meeting li fih jiġu mistiedna l-pubbliku. Is-Sindku ħa nota ta' dan.

2.26.9.2 Is-Sa Sultana nnutat li l-vettura li tiġbor l-iskar qiegħed jitla' b'lura minn Triq Rinella. Is-Sindku ser jitkellem max-xufier il-ġdid dwar dan.

2.26.9.3 Is-Sa Sultana staqsiet jekk jistax jiżdied aktar dawl fi Triq il-Kanun tal-Mija. Is-Sindku ser jistaqsi dwar dan.

**2.26.10** **Mozzjonijiet**

2.26.10.1 Is-Sur Bongailas ippropona li l-laqgħa tal-Kunsill għax-xahar id-dieħel issiru fl-4pm. Dan il-proponiment ġie ssekondat mis-Sa Sultana fejn il-Kunsill unanimament qabel mat-talba.

**2.26.11** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

2.26.11.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier il-ġimgħa l-oħra biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

2.26.11.2 Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**2.26.12** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

2.26.12.1 Is-seduta ntemmet fl-8.30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2026, fl-4pm. Il-Kunsill qabel Nem. Con.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2026

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Karen Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**